# Il-Madonna tal-Pilar

**Alexander Busuttil**
B.Ed. (Hons.) M.Sc.

*Għalkemm żgħir fiċ-ċokon tiegħu, ta' kull sena naraw li Ħal Kirkop iħaddan patrimonju artistiku u storiku mimli sorpriżi li ftit ikunu qegħdin jistennew. Fost dawn insibu kult Spanjol lejn il-Madonna tal-Pilar li f'Malta baqa' pjuttost iżolat, biss b'sorpriża li għadha mhix ċara biżżejjed jimmanifesta ruħu permezz ta' kwadru t'altar ġewwa l-Knisja Parrokjali ta' San Leonardu. Alexander Busuttil iwasslilna tagħrif dwar l-oriġini ta' dan il-kult u l-iżvilupp tiegħu f'Malta u f'Ħal Kirkop.*

Jekk tkun qiegħed tisma' l-quddiesa fil-knisja parrokkjali tagħna n-naħa tas-sagristija tinnota x-xbieha tal-Madonna tal-Pilar b'San Ġakbu arkubtejh quddiemha. Din kellha artal taħtha li tneħħa biex jagħmel il-wisa' peress li l-knisja tagħna hija żgħira.

F'dan l-artiklu nixtieq nagħti xi informazzjoni fuq dan it-Titlu tal-Madonna li oriġina ruħu fi Spanja u li l-qima lejh ġabuha magħhom il-Kavallieri Spanjoli.

Skond tradizzjoni antika Spanjola, il-Madonna dehret lil San Ġakbu l-Kbir, wieħed mill-appostli li jiġi ħu San Ġwann l-Evanġelista, t-tnejn ulied Żebedew. Fit-tnejn ta' Jannar fis-sena 40 W.K. San Ġakbu kien qiegħed jipprietka l-Vangelu fl-inħawi li llum jgħidulha Zaragoza ġewwa Spanja li dak iż-żmien kienet provinċja Rumana. Hawn in-nies kienu kollha pagani u San Ġakbu kien qiegħed jipprova jikkonvertihom għar-reliġjon Kristjana. Jingħad li San Ġakbu qabad jaqta' qalbu għax ftit kienu kkonvertu u waqt li kien qiegħed jitlob fejn ix-xmara Ebro bil-lejl dehritlu l-Madonna. Il-Madonna dehret fuq pilar jew kolonna bil-Bambin f'idejha u mdawra bl-anġli. Marija qaltlu biex jagħmel kuraġġ għax in-nies ser jikkonvertu u l-fidi tagħhom



**Francisco Goya, Id-dehra tal-Madonna tal-Pilar lil San Ġakbu u d-dixxipli tiegħu, 1775-1780, Kollezzjoni Rosillo, Madrid**

ser tkun soda daqs il-kolonna li qiegħda fuqha. Jingħad li tagħtu l-pilar u xbieha tagħha tal-injam bħala simbolu u ordnatlu biex jibni knisja f'dak il-post fejn dehritlu. Din il-knisja kellha tnissel devozzjoni kbira fin-nies u bl-interċessjoni tagħha jsiru ħafna mirakli. Barra minn hekk il-knisja kella tibqa' wieqfa għal dejjem. Din id-dehra hija interessanti għaliex f'dan iż-żmien il-Madonna kienet għadha ħajja u kienet tgħix f'Ġerusalem jew f'Efesu.

San Ġakbu obda l-ordnijiet tal-Madonna u wara xi sena bena' kappella f'dak il-post megħjun mid-dixxipli tiegħu. Din hija meqjusa bħala l-ewwel knisja ddedikata lil Madonna fl-istorja tal-knisja. San Ġakbu reġa' lura Ġerusalem u hemmhekk ingħata l-martirju taħt Erodu Agrippa fis-sena 44 W.K. Jingħad li d-dixxipli tiegħu ħadu l-ġisem ta' San Ġakbu Spanja fejn indifen. L-ewwel kappella li kienet nbniet nħarqet u spiċċat iżda flokha reġgħet nbniet knisja oħra u l-pilar u l-istatwa tal-Madonna ma nħarqux u għadhom jeżistu sal-lum ġewwa l-katidral famuż ta' Zaragoza miżmuma bl-akbar għożża mill-Ispanjoli tal-post. Inbnew ħafna knejjes waħda wara l-oħra fl-istess post fejn illum nsibu l-katidral-bażilka tal-Madonna tal-Pilar. Knisja tiġġarraf u terġa' tinbena oħra flokha. Il-Katidral li nsibu llum beda jibnih ir-Re Karlu II fis-sena 1681. Saru ħafna alterazzjonijiet matul iż-żmien u llum nsibuh imsaqqaf bi ħdax-il koppla u għandu erba' kampnari. Fih insibu pitturi tal-pittur famuż Spanjol Francisco Goya: *ir-Reġina tal-Martri* u l-*Adorazzjoni tal-Isem t'Alla*. L-iktar parti li jinvistawha nies hija l-kappella tal-lvant għaliex hawn insibu x-xbieha tal-Madonna tal-Pilar. L-istatwa tal-Madonna li hija tal-injam fija 39 ċentimetru u l-pilar li huwa tal-ġaspru twil 1.8 metri (sitt piedi). Kollox huwa magħluq ġo niċċa tal-bronż u l-fidda. Il-Madonna kienet nkurunata fl-1905 fiż-żmien il-Papa Piju X.



***Ix-xbieha tal-Madonna tal-Pilar ġewwa Zaragoza***

Matul is-snin żaruha ħafna nies kbar u qaddisin tal-Knisja tagħna fosthom San Ġwann tas-Salib, Santa Tereża ta' Avila u San Injazju ta' Loyola. Il-Qaddis San Josemaria Escriva, Fundatur tal-Opus Dei kien devot kbir tal-Madonna tal-Pilar u jirrakonta kif kien joqgħod jistenna fi kju kbir biex ibus parti mill-pilar kull darba li kien imur fil-Bażilka. Iżda ma kienx kuntent ibus il-pilar għax xtaq ibus ix-xbieha tal-Madonna stess li ħadd ma seta' jagħmilha ħlief it-tfal u xi awtoritajiet. Għalhekk ftiehem ma' qassis li kien ħabib tiegħu u wara li għalqu l-bibien tal-katidral irnexxielu jaqta' xewqtu, tela' t-tarġiet biex jersaq viċin il-Madonna u biesha. Ta' min jgħid li kull darba li mar Spanja, il-Papa Qaddis San Ġwanni Pawlu II żar din il-Bażilka u sejjaħ il-Madonna tal-Pilar bħala 'Omm l-Ispanjoli'. Fil-gwerra ċivili Spanjola (1936-1939) il-Komunisti kienu tefgħu tliet bombi fuq dan il-katidral imma b'miraklu l-ebda waħda minnhom ma ħadet. Tnejn minn dawn il-bombi jinsabu għall-wirja fil-Bażilka.

Il-Festa tal-Madonna tal-Pilar issir fit-12 ta' Ottubru f'Zaragoza. Hawnhekk kull sena issir festa kbira ta' disat ijiem li jgħidulha '*Fiestas del Pilar.*' Ta' min jgħid ukoll li din taħbat mal-ġurnata li fiha Kristofru Kolombu kien skopra l-Amerka fl-1492 u għalhekk hija festa Nazzjonali ġewwa

Spanja. Il-Madonna tal-Pilar hija l-Patruna ta' Spanja, tal-Gwardja Spanjola u anke tal-eks-kolonji Spanjoli fosthom l-Arġentina u l-Urugwaj, fejn hawnhekk insibu wkoll ħafna qima lejn dan it-Titlu tal-Madonna kif ukoll knejjes iddedikati lilha. Kull fejn resqu l-Ispanjoli ġarrew magħhom din il-qima lejn il-Madonna u anke f'Malta fejn il-kavallieri Aragoniżi daħlu f'Malta l-qima lejn l-Madonna tal-Pilar.



*Il-Katidral tal-madonna tal-Pilar ġewwa Zaragoza*

Fil-Belt Valletta fin-naħa t'isfel tat-Triq Punent qrib ħafna l-Berġa ta' Aragona (Spanja), insibu l-knisja tal-Madonna tal-Pilar. Din il-knisja tinsab eżatt quddiem id-dar fejn twieled San Ġorġ Preca fit-12 ta' Frar 1880. Din il-knisja nbniet fl-1670 biex tkun il-knisja tal-kavallieri Aragonizi viċin il-Berġa tagħhom stess. Bnieha l-Balliju ta' Caspe', Fra Felix Inniquez de Ayerbe. Dan meta miet indifen f'din il-knisja quddiem l-altar. Dan il-Balliju serva għal erbatax-il sena bħala amministratur tal-Berġa ta' Aragona u kien devot kbir tal-Madonna tal-Pilar. Il-kappella li nbniet fl-1670 sofriet ħsarat kbar, speċjalment fil-koppla, fit-terremot li laqat lil Malta f'Jannar tal-1693 u għalhekk fl-1718 il-Lingwa ta' Aragona qabbdet lill-perit Taljan Romano Carapecchia biex jerġa' jibni l-knisja mill-ġdid. Għalkemm is-sit mhuwiex daqstant kbir, hu rnexxielu jagħtina knisja mill-isbaħ bi pjanta oriġinali u b'ħafna dekorazzjonijiet ta' skultura Barokka, b'ħafna induratura, fejn tispikka ħafna l-figura tal-anġlu (hemm madwar 70 wieħed) u l-arzella, li hi l-emblema ta' San Ġakbu. Barra l-iskultura nsibu wkoll ħafna xogħol ta' artisti Maltin. Il-kwadru titulari sar minn Stefano Erardi u juri lill-Madonna qed tidher lil San Ġakbu. Fis-saqaf tal-kor Gian Nikola Buhagiar pitter l-inkurunazzjoni tal-Madonna. Din kienet donazzjoni tal-Granmastru Ramon Perellos y Roccaful għax fit-truf tagħha tidher l-arma tiegħu. Fin-navi hemm erba' kwadri kbar li juru t-Twelid tal-Madonna, iż-Żwieġ Tagħha, it-Taħbira tal-Messija u l-Viżitazzjoni lil Santa Elizabetta. Dan l-aħħar il-Gvern għadda din il-knisja lill-*Heritage Malta* u sar ħafna restawr fiha li bih reġgħet ħadet lura s-sbuħija kollha tagħha. Però l-knisja m'għadiex tintuża u tinfetaħ biss għal xi esibizzjonijiet u fin-'Notte Bianca'.





*Il-faċċata tal-knisja tal-Madonna tal-Pilar u t-titular tagħha, Il-Belt Valletta*









***Dettalji mil-kwadru tal-Madonna tal-Pilar f'Ħal Kirkop***

Kif għidt fil-bidu, fil-Knisja Parrokkjali tar-raħal tagħna Ħal Kirkop insibu kwadru tal-Madonna tal-Pilar. Skond studju li għamel Kenneth Cassar (Kuratur fil-Heritage Malta) (Vella, 2008) dan il-kwadru li huwa anonimu jista' jkun xogħol t'artist Portugiż Emanuele Pereira, li ħadem f'Malta lejn nofs is-seklu sbatax. Xi drabi dan il-kwadru ġie attribwit lil Stefano Erardi però Cassar jgħidilna li Erardi kien ipitter kwadri ta' livell ferm ogħla. Però jista' jkun xogħol ta' xi alliev jew membru fiċ-ċirku tiegħu. Ħarsa lejn il-kwadru turina lill-Madonna bil-Bambin fuq il-pilar fi sfond ta' awra ta' dawl safrani, mdawra b'puttini u kerubini fi sħab sfumat tajjeb. Fil-parti t'isfel naraw lil San Ġakbu iżomm bastun tal-pellegrini u liebes arzella fuq spalltu, li hi assoċjata ma' Compostela fi Spanja, fejn ir-relikwi tiegħu huma meqjuma. Isfel, lejn in-nofs naraw puttinu, iżomm skroll b'kitba fittizja fuqu. Fir-rapport tal-viżti Pastorali tiegħu bejn

l-1736 u l-1740, l-Isqof Alpheran de Bussan isemmi li dan l-artal imur lura tal-inqas sal-1647: b'hekk dan jiġi wieħed mill-ewwel artali ddedikati lill-Madonna tal-Pilar li ġew imwaqqfa barra l-Belt fejn il-Kavallieri Aragoniżi diġà kellhom il-knisja tal-Berġa tagħhom kif semmejna qabel. Fil-bażi tal-kolonna jew pilar ta' taħt il-Madonna nsibu l-arma tal-Isqof Davide Cocco Palmieri, li dam Isqof mill-1684 sa l-1711. Dan jista' jfisser li dan l-Isqof ħallas dan il-kwadru jew inkella li dan il-kwadru sar fi żmienu. Li hu żgur hu li dan il-kwadru huwa antik ħafna u l-qima lejn il-Madonna tal-Pilar hija ferm antika fir-raħal tagħna.

Nagħlaq dan l-artiklu billi niġbed l-attenzjoni ta' kull min hu responsabbli fil-Parroċċa tagħna li l-pitturi kollha li għandna fil-Knisja Parrokkjali tagħna iddedikata lil San Leonardu, kollha għandhom valur storiku u għandhom bżonn urġenti ta' restawr fosthom il-Kwadru tal-Madonna tal-Pilar. Illum bl-għajnuna tal-Unjoni Ewropeja dan ir-restawr jista' jsir, bħalma qed isir f'diversi knejjes oħra ġo Malta.

**Referenzi**

http://en.wikipedia.org/wiki/Our_Lady_of_the_Pillar
http://en.wikipedia.org/wiki/Basilica_of_our_Lady_of_thePillar
http://www.catholicnewsagency.com/saint.php
http://www.kappellimaltin.com/html/tal-pilar.html
VAZQUEZ DEPRADA, A.(1997), The Founder of Opus Dei, The Life of Josemaria Escriva', Vol.1:The Early Years, Scepter Publishers.
VELLA, Horatio C.R. (Ed.) (2008), Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru, it-Tieni Volum, Kunsill Lokali Kirkop, pp.292-295.